MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 79/2003

Michelle Paula Bin Habib Zghidi.

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :

Illi hija zzewget lil Mohammed Bin Habib Zghidi f'Ghajnsielem, Ghawdex, fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat bhala dokument A ;

Illi fiz-zwieg taghha l-attrici riedet illi zzomm kunjom xbubitha izda ghal xi raguni jew ohra gie mnizzel li kunjomha ghandu jinbidel ghal dak ta' zewgha u cioe' jigi Bin Habib Zghidi ;

Illi dan it-tibdil gab konsegwenzi gravi hafna lill-attrici tant illi kellha problemi serji specjalment minhabba l-fatt li hija ghandha cittadinanza doppja u fl-Amerika hija registrata f'kull kaz bhala Spiteri ;

Illi dan il-fatt wassal biex l-attrici qed tiffaccja problemi serji fejn fl-Amerika hija maghrufa bhala Michelle Paula Spiteri filwaqt illi f'Malta hija maghrufa bil-kunjom Bin Habib Zghidi ;

Illi hija trid li tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe' Spiteri .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv 6/2000 billi flok il-kliem "jiena hawn taht iffirmata (il-mara) niddikjara li niehu l-kunjom tar-ragel" jidhol il-kliem "jien hawn taht iffirmata (il-mara) niddikjara li nzomm kunjom xbubiti wara z-zwieg" .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenut .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat ukoll id-dokument A anness mac-citazzjoni, u cioe' kopja vera tac-certifikat taz-zwieg ta' l-istess attrici .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, illi ggib id-data tad-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) .

Innutat illi l-istess konvenut debitament notifikat naqas li jwiegeb ghal din il-kawza .

Rat ukoll ir-rikors ta' l-attrici, fejn talbet illi tipprocedi b'din il-kawza permezz ta' l-ghajnuna legali .

Rat id-degriet taghha ta' l-erbatax ta' Awissu, tas-sena elfejn u tlieta, fejn laqghet din it-talba .

Semghet lill-attrici tixhed fl-udjenza tal-lum, fejn ikkonfermat bil-gurament taghha l-fatti ndikati fic-citazzjoni, u spjegat ukoll id-diffikultajiet li hija qeghda tiffaccja minhabba l-izball illi sar mill-konvenut, fejn minkejja li l-istess attrici kienet ghazlet li zzomm kunjom ta' xbubitha, anke wara z-zwieg, il-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku xorta wahda ghazel illi jibdel kunjom l-attrici u fic-certifikat taz-zwieg taghha jnizzilha bil-kunjom tar-ragel taghha .

Il-Qorti ghal hekk, u peress illi jirrizulta li t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv sitta tas-sena elfejn, billi flok il-kliem "Jiena hawn taht iffirmata (il-mara) niddikjara li niehu l-kunjom tar-ragel" jidhol il-kliem "Jien hawn taht iffirmata (il-mara) niddikjara li nzomm kunjom xbubiti wara z-zwieg".

Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez . Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .
S7903Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------